MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2011

Numru 507/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs.**

**Anthony Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anthony Grech ta’ 26 sena, bin George u Emanuela nee Grech, imwieled Pieta nhar l-1 ta’ Frar 1983, residenti 7, Sqaq Nru.1 Triq De Rohan, Zebbug, detentur tal-Karta tal-Identita numru 231583(M).

Akkuzat talli nhar id-19 ta’ Frar 2009 ghall-habta tan-00.30a.m., fi Triq il-Belt Valletta, Attard, kif ukoll fix-xahrejn ta’ qabel, f’hinijiet differenti u fi bnadi ohra f’Malta:

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni

jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. aktar talli saq vettura tal-ghamla Hyndai Accent bin-numru ta' registrazzjoni JAH556 minghajr ma kienet licenzjata mill-awtoritajiet koncernati;

5. aktar talli saq vettura tal-ghamla Hyndai Accent bin-numru ta' registrazzjoni JAH556 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta;

6. aktar talli sirt recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. J. Cassar LLD nhar is-26 ta' Gunju 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li rat illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011, din il-Qorti staqsiet diversi drabi lill-imputat jekk iridx li jkun assistit minn avukat, imma hu irrifjuta.

Wara li rat li fl-istess seduta, ghar-rigward tal-ewwel akkuza fejn jidhol it-traffikar ta' droga eroina, il-prosekuzzjoni iddikjarat li mill-provi jirrizulta li dan it-traffikar ghandu jigi ikkunsidrat bhala *trafficking by sharing*.

Wara li rat illi fl-istess seduta, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih. Din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

**Htija**

Illi mill-provi migjuba - u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Piena**

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputazzjoni (2) hija assorbita fl-imputazzjoni (1) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar tad-droga eroina.

Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011, l-ufficjal prosekutur iddikjara li ghall-fini tal-ewwel akkuza, cioe dik tat-traffikar tad-droga eroina, mill-provi jirrizulta li dan it-traffikar ghandu jigi ikkunsidrat bhala *trafficking by sharing*.

Il-kuncett ta' *sharing* huwa regolat bl-ewwel *proviso* tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101. Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew

traffikar ta' droga bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101, ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation*. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta' prigunerija u ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem dina l-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 456.87. L-ewwel *proviso* ghal dan is-subartikolu gie introdott bl-Att XVI tal-2006, u jipprovdi hekk:
*"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ... ..."* (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Fis-sentenza **Pulizija vs. Marco Galea**, deciza fil-5 ta' Mejju 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi:
*"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc.), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu d-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna, min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li*

*meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bil-fors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba[1], il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.* (sottolinear ta' dik il-Qorti).[2]

Mill-istqarrija tal-imputat huwa evidenti illi ma kien qieghed isir l-ebda *sharing* bejn l-imputat u l-*girlfriend* tieghu Nicola McHarg. Fil-fatt, l-imputat jghid hekk: *"Nghid ukoll li l-eroina li nixtru, ma niehux minnha jien ghax ma ghadnix nabbuza minnha."* Dakinhar tal-incident huwa kien xtara zewg pakketti eroina ghat-tfajla tieghu fuq talba taghha stess. Pero fl-istqarrija tieghu huwa jghid li ta pakkett wiehed biss lit-tfajla tieghu li haditu kollu, imma jaghmilha cara li *"jiena ma hadtx mill-eroina imma hadt biss mill-kokaina li kont xtrajt qabel."* Ghalkemm l-imputat jammetti li f'xi hin fil-ghaxija meta kien wahdu, huwa ha *"ponta"* mit-tieni pakkett ta' eroina, meta regghu iltaqghu bil-lejl, ma jirrizultax li l-imputat rega' ha l-eroina mit-tieni pakkett flimkien ma' Nicola McHarg, jew li abbuza minn xi droga ohra flimkien maghha.

Ghalhekk, minkejja d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li dan huwa kaz ta' traffikar *by sharing*, fil-kaz in dizamina, certament huwa nieqes l-element ta' *sharing* kif aktar il-fuq spjegat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. L-imputat ma xtarax id-droga eroina ghalih, imma xtraha ghal Nicola McHarg biss, ghalkemm huwa ghenha biex tabbuza mill-eroina, sew billi ghenha tipprepara, kif ukoll billi kien hu li, fuq talba taghha, injettalha l-eroina. Konsegwentement, dina l-Qorti se tiskarta dina d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni.

Min-naha l-ohra ghall-fini ta' piena, dina l-Qorti hadet tat konsiderazzjoni kbira lill-fatt illi meta Nicola McHarg ma

---

[1] *Ara t-tieni proviso tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 22: "Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jigi minnufih qabel dan."*

[2] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Russell Bugeja** deciza fil-5 ta' Mejju 2008, **Il-Pulizija vs. Tony Armando Zahra** deciza fit-12 ta' Gunju 2008, u **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud** deciza fis-27 ta' Ottubru 2010.

bdietx thossha sew, wara li l-imputat injettaha bl-eroina, minflok abbandunaha, kif jaghmlu l-maggoranza tan-nies li jsibu ruhhom fil-posizzjoni tal-imputat, huwa kellu l-kuragg li jehodha immedjatament l-isptar bil-karozza tieghu, u ma telaqx mill-isptar qabel ma assikura ruhu li McHarg kienet qed tinghata l-assistenza medika necessarja. L-imputat ghamel hekk minkejja li kien jaf li b'dan l-agir huwa kien ser jesponi ruhu mal-awtoritajiet. Pero kien biss grazzi ghal dan l-agir tempestiv u kuragguz tal-imputat, li Nicola McHarg salvat hajjitha.

Irid jinghad ukoll li l-imputat ikkopera mill-ewwel mal-Pulizija u f'dawn il-proceduri ghamel ammissjoni bikrija. Ghalkemm il-fedina penali tieghu mhix netta, lanqas jista' jinghad li hija allarmanti.

Fid-dawl tas-suespost, partikolarment tal-konsiderazzjoni li l-imputat salva hajjet persuna ohra, minkejja li kien jaf li bl-agir tieghu kien se jesponi lilu innifsu ghal proceduri kriminali, dina l-Qorti hija tal-opinjoni illi l-piena ghall-imputazzjoni tat-traffikar ghandha tinghata fil-minimu taghha, u ma thossx li ghandu jkun hemm iz-zieda fil-piena bi grad minhabba r-recidiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a) u 55(1) tal-Kapitolu 65 u t-Tieni Skeda tal-Kapitolu 65, l-Artikoli 3(1), 3(2), 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' tlett elef, mija u hamsa u ghoxrin Euro (€3,125), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena

karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna l-iskwalifika tal-hati mill-licenzja tas-sewqan ghal tnax-il xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata.

In vista tal-fatt li fil-kawza odjerna ma gew inkorsi l-ebda ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni li saret ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------